MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 2409/1997/1

**Socjeta` Macpherson Mediterranean Limited**

**vs**

**Godwin Gatt Suban u martu Rita Gatt Suban**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata l-21 t'Ottubru, 1997, li permezz taghha s-socjeta` attrici sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1.1. Illi l-konvenuta Rita Gatt Suban ghamlet zmien impjegata mas-socjeta` attrici bhala "*administration sales manager*";

1.2. Illi fiz-zmien li l-istess konvenuta damet tokkupa din il-kariga, naqsu diversi flus mill-fondi tas-socjeta` attrici;

1.3. Illi fost dawn il-flus li naqsu hemm is-segwenti:

1.3.1. Ammont t'elf u ghaxar Liri Maltin, (LM1,010.00), li kellhom jintuzaw biex jithallsu kontijiet ta' reklamar lil "*Radio 101*", li ma thallsux;

1.3.2. Diversi ammonti ta' flus li flimkien jammontaw ghal tlett elef, erba' mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin, (LM3,421.00), li nstabu neqsin mir-rikavat ta' bejgh ta' prodotti tas-socjeta` attrici li jikkorrispondu ma' diversi rifuzjoniiet ta' "*duty deposit*" maghmula mill-Kontrollur tad-Dwana lis-socjeta` attrici;

1.4. Illi l-imsemmija ammonti jew gew misappropriati mill-konvenuta Gatt Suban jew, fil-kapacita` taghha ta' "*administration sales manager*" hi responsabbli ghalihom;

1.5. Illi ghalkemm interpellata l-imsemmija konvenuta la tat spjegazzjoni u lanqas effettwat id-debita rifuzjoni;

1.6. Illi ghaldaqstant is-socjeta` attrici aderiet ruhha din il-qorti biex il-konvenuti jkollhom l-opportunita` jwiegbu ghas-segwenti talbiet biex din il-qorti:

1.6.1. Tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-flus li naqsu mill-fondi tas-socjeta` attrici u dan:

1.6.1.i. Jew ghaliex gew misapproprijati;

1.6.1.ii. Jew ghaliex fil-kapacita` taghha fuq indikata l-konvenuta kienet responsabbli taghhom;

1.6.2. Tillikwida l-ammont ta' flus li naqsu mill-fond tas-socjeta` attrici, jekk hemm bzonn, permezz ta' periti nominandi;

1.6.3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammont hekk likwidat;

1.6.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti kontra l-konvenuti;

2. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-18 ta' Novembru, 1998, li permezz tieghu, wara talba appozita f'dan ir-rigward, ordnat l-isfilz tan-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti stante li kienet tardiva;

3. Rat is-sentenza parzjali datata l-21 t'April, 1999, li permezz taghha iddikjarat li l-konvenuti iggustifikaw il-kontumacja u tathom ghalhekk il-fakolta` li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fit-terminu hemm indikat;

4.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata d-29 t'April, 1999, li permezz taghha l-konvenuti sintetikament eccepew is-segwenti:

4.1. Illi l-konvenut Godwin Gatt mhux impjegat tas-socjeta` attrici u qieghed biss josserva l-proceduri bhala ko-partecipi fil-komunjoni tal-akkwisti;

4.2. Illi waqt l-impjieg taghha mas-socjeta` attrici, l-konvenuta Gatt Suban dejjem imxiet b'mod diligenti u leali, u fuq struzzjonijiet tas-superjuri taghha;

4.3. Illi ghalhekk tichad it-talbiet attrici bhala infondati;

4.4. Illi l-konvenuta ma kkommettiet l-ebda misapropriazjoni jew nuqqas iehor li seta' ipprokura dannu lis-socjeta` attrici;

4.5. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici;

5. Rat il-verbal taghha diversament preseduta datat id-29 ta' Mejju, 2009, fejn permezz tieghu hatret espert tekniku hemm nominat biex jirrelata flimkien ma' perit legali hemm ukoll nominat, (ara fol 12);

6. Rat ir-relazzjoni tal-perit legali datata l-31 ta' Jannar, 2013, (ara fol 1235);

7. Rat ir-relazzjoni tal-espert tekniku datata wkoll il-31 ta' Jannar, 2013, (ara fol 1289);

8. Rat ir-risposti in eskussjoni tal-perit legali u tal-perit tekniku rispettivament datati l-25 ta' Mejju, 2012, (ara fol 1304) u l-10 t'Ottubru, 2012, (ara fol 1313);

9. Rat id-digriet taghha datat l-10 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat li t-trattazzjoni ssir bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 1312);

10. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi, datati d-9 ta' Jannar, 2013, (ara fol 1318), u l-4 ta' Frar, 2013, (ara fol 1323);

11. Ezaminat id-dokumenti inutilment kopjuzi kollha esebiti;

12. Rat ix-xhieda prodotta;

13. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

14.0. Illi l-espert tekniku sintetikament irrelata bil-mod segwenti:

14.1. Rigward "*Radio 101*";

14.1.1. Illi jirrizulta li l-konvenuta hallset l-ammont indikat fl-*istatement* u mhux dak indikat fl-*invoice*;

14.1.2. Illi dan hu zball li facilment isir ghalkemm din mhix prattika tajba u m'ghandhiex issir, (ara fol 1294);

14.1.3. Illi dawn il-metodi facilment jaghtu lok ghal tahwid u abbuz, (ara fol 1294);

14.1.4. Illi jirrizulta li l-konvenuta ddepozitat is-segwenti:

14.1.4.i. Ammont ta’ hamest elef u hamsin Lira Maltin, li sar fit-23 ta’ Mejju, 1994, (ara fol 1296);

14.1.4.ii. Ammont ta’ erba’ mija u sittin Lira Maltin,(LM460.00), li sar b’*cheque* numru 2689 f’isem Macpherson, liema depozitu kien inkluz f’depozitu b’referenza AM 013, (ara fol 1296);

14.2. “*Duty Deposits*”:

14.2.1. Illi jirrizulta li l-metodu uzat juri manipulazzjoni ta’ flus bl-iskop li juri li d-depoziti jaqblu mal-flus iggenerati mal-bejgh tal-gurnata, (ara fol 1296);

14.2.2. Illi l-konvenuta ssostni li r-“refunds” fuq id-“*duty deposits*” kienet tiddepozithom;

14.2.3. Illi *di piu`*, issostni wkoll li kienet taghmel nota lis-superjur taghha biex dan jaghmel “*journal entry*” fir-rigward tal-istess “*refund*”, (ara fol 1298);

14.2.4. Illi dan jindika li s-socjeta` attrici kienet izzomm “*set*” iehor ta’ “*account*”, liema fatt jindika li l-istess socjeta` kienet taf li kienet “qed timplementa mezzi ta’ kif tinflejtja l-ispejjez taghha”, (ara fol 1298);

14.2.5. Illi *di piu`*, is-socjeta` attrici kellha wkoll prattika li thallas diversi “*commissions*” li ma kienux jigu dikjarati fil-kotba taghha;

14.2.6. Illi ghalhekk hu difficli li jigi konkluz jekk dawn il-flus meritu ta’ din il-kolonna tal-kawza odjerna kienux qed jintuzaw ghall-iskop tal-hlas minn taht tal-“*commissions*”, (ara fol 1298);

14.2.7. Illi konsiderazzjoni ohra finali hi il-hlas ta’ “*management fees*”, li jkomplu joholqu konfuzjoni fl-operat in dizamina, (ara fol 1300);

15.0. Illi l-perit legali sintetikament irrelatat bil-mod segwenti:

15.1. Rigward "*Radio 101*":

15.1.1 Illi s-socjeta` attrici tallega li naqsulha l-fondi ta' zewg (2) cekkijiet datati t-23 ta' Mejju, 1994, u tal-15 ta' Gunju, 1994, ammontanti ghal elfejn, tlett mija u tnejn u hamsin Ewro u sebgha u sittin centezmu, (€2,352.67), li kienu pagamenti minnha lil "*Radio 101*";

15.1.2. Illi ma jirrizultax li l-konvenuta kellha l-fakolta` tiffirma cekkijiet tas-socjeta` attrici wehidha, (ara fol 1273);

15.1.3. Illi l-pagamenti in dizamina saru bil-mod fuq indikat biex dawn jikkompensaw ghal zball li l-istess konvenuta kienet ghamlet meta dahlet bi zball fil-kotba tas-socjeta` attrici fl-"*invoice*" zejjed fl-istess ammont, (ara fol 1273);

15.1.4. Illi tenut kont tad-dokumenti kopjuziipprezentati mis-socjeta` attrici, ma tistax ma tikkonkludix li din "salpat fuq *fishing expedition*" inutili, (ara fol 1276);

15.1.5. Illi rigward iz-zewg (2) cekkijiet fuq riferiti (ara paragrafu hmistax punt wiehed punt wiehed, (15.1.1), aktar qabel), ghandu jinghad li dawn difficli li jigu ipprovati jekk " … dawn gewx illikwidati kontanti, u fil-fatt, ma ngabet l-ebda prova f'dan is-sens", (ara fol 1278);

15.1.6. Illi *di piu`*, id-dokumenti verament necessarji ma gewx esebiti mis-socjeta` attrici u ghalhekk ma tezistix prova fl-atti … dwar l-ammont tad-depozitu tal-fondi li ngabru mid-debituri f'dawk il-granet, sabiex tissostanzja l-allegazzjoni tas-socjeta` attrici …", (ara fol 1278);

15.1.7. Illi in vista tal-premess, tikkonkludi li s-socjeta` attrici ma ipprovatx l-allegazzjoni taghha fil-konfront tal-konvenuta Gatt Suban;

15.2. Rigward id-"*Duty Deposits*":

15.2.1. Illi din il-parti tal-vertenza tirrigwarda sitt (6) ammonti separati ta’ hlas ta’ “*duty deposits*” rifuzi lis-socjeta attrici mill-Kontrollur tad-Dwana;

15.2.2. Illi dawn l-ammonti kienu jigu entrati bhala spejjez tas-socjeta` attrici u ghalhekk kienu jigu rifuzi lilha mill-imsemmi Kontrollur;

15.2.3. Illi minflok li dawn l-ammonti hekk rifuzi kienu jigu entrati fil-kotba tas-socjeta` attrici bhala “*other income*”, il-konvenuta kienet iddahhalhom fil-kotba bhala parti mill-ammont li tkun dahlet mill-bejgh tal-prodotti fil-gurnata li fiha jkunu gew depozitati c-cekkijiet tal-hlas tal-imsemmija “*refunds*”, (ara fol 1279);

15.2.4. Illi pero`, qabel Marzu jew April, 1994, dawn il-hlasijiet kienu jidhru fil-kotba tas-socjeta` attrici bhala depozitu separat, (ara fol 1279), liema sistema kienet mahluqa bi ftehim u bil-konsapevolezza tas-superjuri tal-konvenuta stess, (ara fol 1280);

15.2.5. Illi s-socjeta` attrici kienet ukoll konsapevoli tal-fatt li dawn l-ammonti ta’ “*refunds*” kienu jigu wtilizzati ghall-“*commissions*”, (ara fol 1281), ghalkemm, nonostante li mitluba tipproduci d-dokumentazzjoni fir-rigward, naqset li taghmel dan, (ara fol 1281), jew li tesebixxi l-“*audited accounts* tal-1993), (ara fol 1282);

15.2.6. Illi l-operat tal-konvenuta fi hdan is-socjeta` attrici dejjem kien taht l-iskrutinju ta’ “*part-time accountant*” u tal-awdituri tal-istess socjeta`, (ara fol 1283);

15.2.7. Illi fuq bilanc ta’ probabbilitajiet, il-verzjoni tal-konvenuta hi aktar veritjiera min dik tas-socjeta` attrici u verosimili, (ara fol 1285 u fol 1286);

15.2.8. Illi konsegwentement, ma tinhassx il-htiega li tigi indagata l-allegazzjoni rigwardanti r-responsabbilita` tal-konvenuta fir-rigward jew li indebitament approprijat ruhha mill-fond in dizamina, (ara fol 1286);

Ikkonsidrat:

16. Illi din il-qorti m’ghandha l-ebda raguni fil-ligi ghaliex m’ghandhiex tistieh fuq l-imsemmija konkluzjonijiet tal-periti fuq riferiti, anke wara l-eskussjoni taghhom;

17. Illi ghaldaqstant tiddikjara li qed taghmel taghha l-konkluzjonijiet peritali fuq riferiti u hawn sintetikament esposti;

**DECIDE:**

18.0. Illi in vista tal-premess:

18.1. Takkolji l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti Gatt Suban;

18.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` attrici Macpherson Mediterranean Limited;

18.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici fuq indikata;

EPILOGU:

19. Tirrileva finalment li l-mod dizordinat li bih gew kompilati l-atti ta’ din il-procedura tul is-snin mhux biss mhux disiderabbli, izda jimmina l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja stante li ma jghinx fl-attwazzjoni ta’ dan l-iskop principi ta’ tali procedura hawn riferit;

20. Illi ghalhekk, min hu dovut, ghandu tal-anqas jaccerta ruhu li dan ma jergax jigi ripetut.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------